

**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima., LL.D.**

**Appell Nru: 450/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clint Debono**

Illum, 29 ta' April 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat, Clint Debono, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 62775M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Bħala persuna rreġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni b'sorpriża li seħħet fl-10 ta' Frar 2019 gewwa La Bottega Art Bistro, Triq il-Merkanti, Valletta, Malta, irriżulta li hu jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu, naqas li jagħti jew jipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' *cash register fiskali* jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond il-kumpens lilu imħallas għal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti, sabet lill-imputat mhux ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali, ppreżentat fis-17 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din l-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat

mill-imputazzjoni dedotta kontrih, u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-appellat jiġi mixli mill-Kummissarju tat-Taxxi tali naqas milli obbligu tiegħu fit-termini ta'l-Att XXIII tal-1998 meta ġie ravviżat in-nuqqas tal-ħruġ ta' riċevuta fiskali meta sar bejgħ fl-istabbiliment li fuqu huwa kien irreġistrat mal-Kummissarju. Illi l-Avukat Ġenerali ħassu aggravat bis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti meta din għaddiet biex tillibera lill-appellat mill-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u dan għaliex, fil-fehma tagħha, il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq il-provi illi l-persuna li fiżikament għamlet il-bejgħ mertu tal-każ, ċertu Milica Mladenovic, kienet tassew impjegata mal-appellat jew li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu.

Illi minn eżami mill-ġdid li din il-Qorti għamlet tal-atti proċesswali jirriżulta illi l-uniku xhud li ressqet il-Prosekuzzjoni marbut ma' dan l-event kriminuż kienet l-Spettur tad-Dipartiment tat-Taxxa li għamlet l-ispezzjoni fil-jum indikat fl-akkuża, ċertu Cynthia Briffa li kkonfermat li kien ġie osservat li seħħ bejgħ ta' xorb u minerali għal prezz ta' €10, minn persuna tas-sess femminil li identifikat ruħha bħala Milica Mladenovic, u li għal dan il-bejgħ ma kenitx inħarrġet ir-riċevuta fiskali. Meta din il-persuna ġiet avviċinata u ġie ndikat lilha dan in-nuqqas, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur tat-Taxxa hija ħarrġet riċevuta fiskali li ġiet eżebita in atti.

Illi l-appellat kien mixli bi vjolazzjoni tal-liġi fiskali u cioe' bl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament illi naqas milli jottempera ruħu ma' dak dispost fl-artikolu 51 ta'l-Att meta sar bejgħ li għalih ma inħarġitx ir-riċevuta fiskali.

Illi l-artikolu 82 ta'l-Att, imbaghad iqieghed fuq l-ispalla tal-persuna reġistrata mixlija b'dan in-nuqqas, l-oneru tal-prova meta hemm dispost:

> 82. (2) Meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq tal-impieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' dik il-persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna l-oħra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew persuna reġistrata: iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.

Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jesmond Sant din il-Qorti kif diversament ippresjeduta rriteniet is-segwenti:

> 'Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata ghall-finijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata. Il-persuna registrata, pero', tista tezimi ruha minn din ir-responsabilta' vikarja jekk tipprova , imqar fuq bazi ta' probabilta' jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza ragonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel biex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas. Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi haga.[1]'

Ikkunsidrat:

Illi l-appellat Avukat Ġenerali jikkontendi li l-Ewwel Qorti malament illiberat lill-appellat mill-infrazzjoni tad-dmirijiet tieghu fiskali għas-sempliċi fatt illi fil-fehma tagħha ma kienx hemm il-prova li l-persuna li għamlet il-bejgħ kienet impjegata mill-appellat fl-istabbiliment tiegħu, jew li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu. Dan għaliex fil-fehma tal-imsemmi Avukat Ġenerali x-xiehda tal-ispettur

[1] Deċiża nhar is-16 ta' Jannar 2003 mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

Briffa waħedha kienet suffiċjenti sabiex tirriżulta ir-reita', iktar u iktar, meta l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-appellat sabiex jipprova illi huwa eżerċita d-diliġenza kollha meħtieġa minnu fil-liġi sabiex jara li jkun hemm l-ottemperanza mal-obbligi fiskali tiegħu.

Illi l-Qorti tqies illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun. Dan huwa każ klassiku ta' *strict liability*, u allura ma hemmx il-ħtieġa li jiġi ippruvat l-element intenzjonali, madanakollu sabiex l-appellant seta' jeżimi ruħu mir-responsabbilta' penali kellu neċessarjament iressaq provi inkonfutabbli li huwa aġixxa b'diliġenza u li ħa l-prekawzzjonijiet kollha neċessarji sabiex jara li ma jseħħux vjolazzjonijiet tal-liġi fl-istabbiliment li jaqa' taħt ir-responsabbilta' tiegħu. Illi l-iSpettur tad-Dipartiment xehdet illi l-bejgħ mertu tal-każ sar proprju minn persuna li kienet tinstab fl-istabbiliment u li kienet qed tipprospetta ruħha bħala l-persuna nkarigata biex tagħmel il-provvista. Ma jidhirx illi meta ġiet mitkellma din il-persuna hija ċaħħdet li kienet impjegata jew li kienet qed taġixxi għan-nom tal-appellat. Mhux biss, iżda jidher li din għaddiet lill-ispettur numru ta' ċellulari falz sabiex b'hekk lanqas setgħat tiġi kkuntattjata. Stabbilit kwindi li sar bejgħ mill-istabbiliment immexxi mill-appellat[2] u stabbilit ukoll illi l-persuna li kienet qed tagħmel il-bejgħ mill-imsemmi stabbiliment kienet inkarigata biex tagħmel l-imsemmi bejgħ, tant illi kienet din il-persuna li fizikament imbagħad harrġet ir-riċevuta mill-*cash register* fiskali meta ġiet mitluba tagħmel dan mill-ispettur Briffa, l-oneru tal-prova hawnhekk kien idur fuq l-appellat sabiex jipprova illi huwa ma kienx responsabbli għal dan in-nuqqas, u dan billi juri jew li din il-persuna ma kenitx responsabbli li taffettwa xi negozju mill-istabbiliment jew inkella li jekk din kienet impjegata tiegħu, li huwa kien taha l-istruzzjonijiet kollha meħtieġa sabiex tottempera ruħha mal-liġi. Dan għaliex l-appellat jista' jezimi ruhu mir-responsabbilta' penali jekk jirnexxielu jipprova u dan sal-grad tal-probabbli illi fit-termini tal-artikolu 82 tal-Kap 406 hu għamel kull ma seta' biex izomm milli din l-infrazjoni tal-liġi isseħħ, jew li huwa kien fl-impossibilita' li jevita milli isseħħ din l-infrazzjoni. Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn iċ-ċirkostanzi

[2] Ara Dokument a fol.5 et.seq. tal-proċess minn fejn jirriżulta illi l-istabbiliment La Bottega jitmexxa mill-appellat bi sħab ma' ċertu Clayton Barbara li ukoll jidher bħala *registered person*.

w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkużat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi ħaġa. Dan l-appellat ma jagħmlux billi jagħzel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti.

Kwindi stabbilit illi l-appellat kien il-persuna reġistrata u stabbilit illi sar bejgħ mill-istabbiliment li huwa sħab fit-tmexxija tiegħu ma' terza persuna, għal liema bejgħ ma inħarrġitx ir-riċevuta fiskali jew il-fattura ta' taxxa kif titlob il-liġi, fin-nuqqas mill-appellat illi jipprova sal-grad tal-probabbli illi huwa ma kienx responsabbli għal dan in-nuqqas, l-Ewwel Qorti erronjament għaddiet biex tilliberah mill-imputazzjoni lilu addebitata għal mottiv illi, fil-fehma tagħha, ma kienx hemm il-prova li l-persuna li affetwat il-bejgħ inkriminatorju ma kenitx impjegata mal-appellat. Dan għaliex hemm il-presunzjoni *iuris tantum* illi min qed jippreżenta ruħu f'stabbiliment jew negozju bħala dik il-persuna li hija responsabbli li tirreġistra l-bejgħ tal-prodott jew li toffri bejgħ ta' servizz, hija l-persuna li ġiet mogħtija il-jedd tagħmel dan minn min għandu responsabbilta' fit-tmexxija tan-negozju, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, ħaġa, li kif ingħad, l-appellat jonqos milli jagħmel sal-grad rikjest minnu fil-liġi.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata, u wara li rat l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) (e) u 81 u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-appellat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah multa ta' €700.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur